# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.,(HONS.), LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Novembru 2001**

**Numru 5**

**Rikors Kost. numru: 706/99 RCP**

**Victoria Cassar**

**vs**

**Awtorita' Marittima ta' Malta, Carmel Schembri ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bord dwar il-Haddiema tal-Port, Onorevoli Prim Ministru, u l-Avukat Generali u ghal kull interess li jista' jkollu l-Ministru responsabbli ghall-Portijiet**

**Il-Qorti,**

**IR-RIKORS PROMOTUR**

L-appellata pprocediet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'Sede Kostituzzjonali b'dan ir-rikors:

"Illi r-rikorrenti ppremettiet :-

Illi hija l-akbar fost il-wild li ghandu Carmelo Abela li rtira bl-eta' mix-xoghol tieghu bhala haddiem tal-port fl-1 ta' Awissu 1992; illi skond **l-artikolu 13 tar-regolamenti tal-1993 dwar il-Haddiema tal-Port**, *"l-elegibilita' ghall-mili ta' vakanza ghandha tkun limitata ghall-iben, jew ghall-akbar mill-eta' minn fost l-ulied subien, ta' haddiem tal-port li kien registrat bhala tali……".;* Illi skond l-**artikolu 13 (c),** *"izda wkoll fl-assenza ta' iben ta' haddiem tal-port…. l-elegibilita' ghall-mili ta' vakanza ghandha tkun limitatata ghal hu dak il-haddiem tal-port jew ghall-akbar mill-eta' fost hutu l-irgiel……".;* illi b'rizultat ta' dawn ir-regolamenti l-esponenti qeghda tigi impeduta milli timla' l-post vakanti li halla missierha; illi r-regolamenti precitati jikkostitwixxu ksur tal-**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 14** marbut ma' l-**artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem,** in kwantu dawn joholqu deskriminazzjoni fil-konfront tas-sess femminili; illi l-esponenti istitwiet proceduri gudizzjarji quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili **("Victoria Cassar et vs Carmel Schembri nomine",** Citaz. Numru. 1560/93), li permezz taghhom talbet li l-konvenut jigi ikkundannat jimpjegaha bhala haddiem tal-port u b'hekk timla' l-post vakanti li halla missierha l-esponenti; illi b'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Mejju 1999, il-Qorti ordnat is-soprasessjoni u akkordat lill-esponenti zmien xahar mis-sentenza sabiex tistitwixxi l-proceduri odjerni.

Illi ghalhekk in vista tal-istess premessi l-istess rikorrenti talbet illi:-

1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-**artikolu 13 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 tal-1993)** u l-artikoli l-ohra tar-Regolamenti li jaghmlu riferenza ghas-sess maskili biss, jilledu d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti protteti mill-**artikoli 45 tal-Kostituzzjoni u 14** marbutin ma' **l-artikolu 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem,** in kwantu joholqu diskriminazzjoni fuq bazi tal-istess;

2) Tiddikjara null u bla effett l-**artikolu 13 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 tal-1993)** u dawk l-artikoli kollha l-ohra tar-**Regolamenti tal-1993 dwar il-Haddiema tal-Port**

**(Avviz Legali 90 ta' l-1993)** u li jaghmlu diskriminazzjoni fuq bazi ta' sess.

3) Taghti kull rimedju iehor necessarju w opportun, biex jigu protteti d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti kif fuq inghad, fosthom li tordna lill-intimat Bord tal-Haddiema tal-Port jirregistra lill-esponenti fir-Registru tal-Haddiema tal-Port."

**<u>RISPOSTI</u>**

Il-Prim Ministru u l-Avukat Generali hekk irrispondew ghar-rikors promotur:

"Illi l-Prim Ministru m'huwiex il-legittimu kontradittur fit-termini tal-**artikolu 181 B tal-Kap 12** u ghandu ghalhekk jigi liberat minnhom;

Illi subordinatament ir-rikorrenti ma ghandha ebda interess guridiku stante li l-annulament tar-regolament 13 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port ikun ifisser illi hadd mill-ulied ta' haddiem tal-Port ma jkollu dritt jigi registrat bi preferenza fuq haddiehor bhala haddiem tal-Port u mhux kif qed tippretendi r-rikorrenti, illi hi jkollha xi dritt awtomatiku ghal tali registrazzjoni;

Illi in fatti it-talbiet tar-rikors huma kontradittorji billi r-rikorrenti qeghda fl-istess nifs titlob id-dikjarazzjoni ta' nullita` tar-Regolament numru 13 (talba numru 2) u ordni biex il-Bord dwar il-Haddiema tal-Port jirregistra lir-rikorrenti bhala haddiem tal-Port skond il-principji enuncjati fl-istess artikolu (talba numru 3);

Illi fil-meritu huwa sottomess illi dak li minnu tilmenta r-rikorrenti (cioe' n-nuqqas ta' registrazzjoni taghha bhala haddiem tal-port) ma jqajjem ebda kwistjoni ta' trattament inuman jew degredanti taht l-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja** kif allegat fir-rikors promotur u lanqas ma jista' jinkwadra ruhu bhala vjolazzjoni tad-dritt

ghall-intimata tad-dar sancit fl-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni.** Ghalhekk stante li l-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni** ma jimponix obbligu generali ta' non-diskriminazzjoni izda jipprotegi lill-individwu biss minn diskriminazzjoni *"fit-tgawdija tad-drittijiet fondamentali prottetti mill-Konvenzjoni"* u jista' jigi citat flimkien ma artikoli ohra anke b'riferenza li taghmel ir-rikorrenti ghall-**Artikolu 14** ma hijiex sostenibbli billi l-artikoli l-ohra citati (3 u 8) ma jaghmlux ghall kaz;

Illi kwantu ghall-**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni,** li jimponi obbligu generali ta' non-diskriminazzjoni, jigi sottomess illi l-protezzjoni mid-diskriminazzjoni ma tfissirx illi kulhadd ghandu jigi trattat l-istess f'kull sitwazzjoni izda li tfisser huwa illi jekk ikun hemm trattatament differenti attribwibbli ghal xi wahda mir-ragunijiet elenkati fl-**artikolu 45** dak it-trattament irid ikun gustifikat oggettivament;

Illi fil-fatt fil-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kemm il-darba sabet illi trattament differenti li kien oggettivament gustifikat ma kienx kundannabbli bhala diskriminatorju (vide decizjonijiet fl-ismijiet **"Van der Mussele vs Belgium (1983); "Ireland vs United Kingdom" (1978); "Rasmussen vs Denmark" (1984); "Spadea and Scalbarino vs Italy" (1995).**

Illi f'dan il-kaz huwa fatt pubblikament notorju illi ix-xoghol tal-Haddiema tal-Port huwa xoghol fizikament iebes illi minhabba l-istess natura tieghu u minhabba t-tbaghtija fizika li jinvolvi u minhabba l-perikolu kbir li jipprezenta ghal min ma jkunx robust u preparat fizikament ghalih huwa xoghol li jippresta ruhu li jsir biss f'ambjent maskili;

Illi ghalhekk ir-regolament 13 impunjat mir-rikorrenti ghad li jikkontempla trattament differenti bejn is-sessi huwa fil-fatt *"diskriminatorju"* b'mod oggettivament gustifikabbli stante n-natura tax-xoghol involut.

Illi l-istess argument migjub dwar **l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** jghodd subordinatement dwar **l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni.**"

L-Awtorita' Marittima ta' Malta u Carmel Schembri nomine hekk irrispondew ghar-rikors promotur:

Illi r-rikorrenti istitwit proceduri gudizzjarji quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Victoria Cassar et vs Carmel Schembri nomine"** (Citaz. Nru. 1560/93) fejn talbet il-Qorti li tordna lic-Chairman tal-Port Workers Board sabiex ma jimpjega lill-ebda persuna bhala haddiem tal-port biex jimla l-post vakanti li halla missierha, liema dritt ta' eredita' tax-xoghol huwa regolat mir-Regolamenti tal-Haddiema tal-Port 1966 u kif sussegwentement emendati;

Illi l-Qorti fis-sentenza taghha datata 7 ta' Mejju 1999 wara li ezaminat l-imsemmija regolamenti ikkonfermat illi:

> *"hu car li l-fatt li ghazel li juza l-kelma "sons" seta' biss jigi nterpretat li kien ghamel dan intenzjonalment biex jassigura li r-Regolament ikun japplika lil dawn bl-eskluzzjoni ta' ulied ta' sess femminili. Esklussjoni li hija sottolinejata bl-uzu tat-terminu "l-elegibilita' ghall-mili ta' vakanza ghandha tkun limitatata ghal iben jew ghal hu dak il-haddiem tal-port li jkun ikkreja l-vakanza…". Infatti, l-attrici tissottometti illi jekk din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut kien obbligat mill-ligi, li jirrifjuta l-applikazzjoni taghha minhabba proprju l-interpretazzjoni li din il-Qorti qed tikkonsidra bhala korretta tar-regolamenti taht ezami, allura hu tqis li l-ligi hija in vjolazzjoni ta' l-**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** u **l-artikolu 14 marbut mal-artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem".***

Illi konsegwenza tas-sentenza kwotata, r-rikorrenti presentat rikors kostituzzjonali fejn qed titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara u tiddeciedi illi l-artikoli tal-imsemmija Regolamenti li jaghmlu riferenza ghas-sess maskili biss jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti protetti mill-Kostituzzjoni u Konvenzjoni Ewproeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll tiddikjara null u bla effett l-

**artikolu 13 tar-Regolamenti tal-Haddiema tal-Port 1993.**

Illi fl-ewwel lok, irid jigi rikonoxxut illi l-esponenti huma obbligati bil-ligi li jirrifjutaw l-applikazzjoni tar-rikorrenti bhala haddiema tal-port minhabba l-fatt li ma hijiex ta' sess maskili. L-ewwel Qorti stess fis-sentenza taghha accettat l-interpretazzjoni tal-esponenti rigward ir-regolamenti in kwistjoni. Irid jigi stabbilit f'dan l-istadju illi l-esponenti huma tenuti legalment josservaw ir-regolamenti u l-ligijiet kif huma illum, u ghaldaqstant l-unika interess illi ghandhom huwa li jigu applikati u osservati r-regolamenti u l-ligijiet *in vigore.*

Illi r-rikorrenti hija inkonsistenti fit-talbiet taghha. Fil-waqt illi fit-tieni talba r-rikorrenti qeghda titlob il-Qorti tiddikjara nulli u bla effett l-artikoli kollha tar-Regolamenti li jaghmlu diskriminazzjoni fuq bazi ta' sess, fl-istess waqt qed titlob il-Qorti tiddikjara li l-istess regolamenti huma diskriminatorji fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk ghandha tithalla tirregistra bhala haddiem tal-port a bazi tal-istess regolamenti.

Illi l-**artikolu 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja** citati mir-rikorrenti mhumiex relevanti ghall-kaz in kwistjoni.

Illi meta wiehed jaqta' akkuratament id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza u tar-Regolamenti li jirregolaw l-impjieg tal-Haddiema tal-Port isib illi l-intenzjoni tal-legislatur hi dik li l-irgiel biss huma eligibbli biex jigu ingaggati bhala membri tal-haddiema tal-port, dan principalment minhabba n-natura tax-xoghol illi tali impjegati jaghmlu fl-esekuzzjoni tal-mansjonijiet taghhom.

Illi **l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** jimponi l-obbligu li hadd ma ghandu d-dritt jiddiskrimina fuq bazi ta' sess. Madankollu dan il-principju fundamentali ghandu eccezzjonijiet tieghu. L-istess artikolu tal-Kostituzzjoni jelenka sitwazzjonijiet fejn diskriminazzjoni hija gustifikata. Id-diskriminazzjoni kontemplata fir-Regolamenti tal-Haddiema tal-Port tikwalifika taht dawn l-eccezzjonijiet.

Illi ghaldaqstant minkejja li *prima facie* **ir-Regolament 13 tal-Haddiema tal-Port** jipprovdi trattament differenti bejn

> sess u iehor, din id-*diskriminazzjoni* hija kostituzzjonalment gustifikabbli."

**VERBALI**

B'verbal tas-17 ta' Gunju 1999 id-difensuri tal-partijiet qablu illi bhala stat ta' fatt ir-rikorrenti appellata hija l-wild naturali ta' Carmelo Abela li kien impjegat bhala haddiem mal-port li rtira fil-31 ta' Lulju 1992 u li r-rikorrenti hija l-akbar fost l-ulied ta' Carmelo Abela. Il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-process tal-kawza fl-ismijiet "Victoria Cassar vs Carmel Schembri noe" (Citazzjoni Numru: 1560/93) deciza fis-7 ta' Mejju 1999. Giet ukoll esebita kopja tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'dik il-kawza.

**DECIDE**

B'sentenza tad-19 ta' Ottubru 2000 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidet ir-rikors b'dan il-mod:

> **"KONKLUZZJONI**
>
> Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, filwaqt li tichad ir-risposti tal-Prim Ministru, tal-Avukat Generali u

tal-Awtorita` Marittima, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti** kif ser isegwi:

**1.** Tiddikjara u tiddeciedi illi l-**Artikolu 13 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port** (Avviz Legali 90 ta' l-1993) u l-Artikoli l-ohra tar-Regolamenti li jaghmlu referenza ghas-sess maskili biss u cioe` r-**regolamenti numri 14, 16 u 17**, jilledu d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti protetti mill-**Artikoli 45 tal-Kostituzzjoni u 14 marbut ma' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem**, in kwantu joholqu diskriminazzjoni fuq bazi ta' sess, b'dan li kull distinzzjoni fuq il-bazi ta' l-istess ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett.

**2.** Tiddikjara null u bla effett l-**Artikolu 13 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port** (Avviz Legali 90 ta' l-1993) u dawk l-Artikoli kollha l-ohra tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 ta' l-1993) fuq indikati Regolamenti numri 14, 16 u 17 u dan biss inkwantu li jaghmlu diskriminazzjoni fuq bazi ta' sess.

**3.** Tordna lill-intimat Carmel Schembri ghan-nom u in rappresentanza tal-Bord tal-Haddiema tal-Port ihalli lir-rikorrenti tirregistra bhala haddiem tal-Port fir-Registru tal-Haddiema tal-Port b'effett retroattiv mid-data ta' l-1 ta' Awissu 1992 b'mod li jigu sodisfatti r-rekwiziti tar-**Regolament 11 (3)** ta' l-istess Avviz Legali 90 tan-1993.

Spejjez a karigu ta' l-intimati."

## MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA

Xieraq li f'din il-kawza tigi riprodotta l-motivazzjoni kollha tas-sentenza appellata mhux biss ghax din taghmel ezami ezawrjenti tal-gurisprudenza lokali u Ewropeja li b'xi mod

tolqot il-meritu taht ezami imma wkoll ghaliex din il-Qorti waslet ghall-konvincement illi dik il-motivazzjoni kienet gustament tittratta n-*nodus iuris* li l-vertenza tqanqal u wasslet lill-Ewwel Qorti ghall-konkluzzjoni gusta. Il-motivazzjoni qed tigi ghalhekk riprodotta ukoll biex tigi evitata ripetizzjoni ta' akkademja f'terren gia' esplorat mill-Ewwel Qorti.

"**<u>II. IL-VERTENZA ODJERNA</u>**

Illi mill-provi prodotti u mill-verbali tal-kawza jidher li hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-fatti tal-kaz u cioe' li r-rikorrenti hi l-akbar fost il-wild li ghandu Carmelo Abela li rtira bl-eta` mix-xoghol tieghu bhala haddiem tal-port fl-1 ta' Awissu 1992. Illi skond l-**Artikolu 13 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port** hi qed tigi mpeduta milli timla' l-post vakanti li halla missierha peress li elegibbli ghall-mili ta' tali vakanza hu l-iben, jew l-akbar mill-eta` minn fost l-ulied subien ta' tali haddiem tal-port registrat; u, inoltre` fl-assenza ta' dan, il-vakanza ghanda tigi mimlija minn hu dak il-haddiem tal-port jew ghall-akbar mill-eta` fost hutu rgiel.

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti qed issostni li tali regolamenti jikkostitwixxu ksur ta' l-**Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 14 marbut ma l-Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiiet tal-Bniedem**, in kwantu dawn joholqu diskriminazzjoni fil-konfront tas-sess femminili.

Illi r-rikorrenti istitwit proceduri gudizzjarji quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **"Victoria Cassar et vs Carmel Schembri noe"**, li permezz taghhom talbet *inter alia* li l-konvenut jigi kundannat jimpjegaha bhala haddiem tal-port u b'hekk timla' l-post vakanti li halla missierha. Illi b'sentenza tas-7 ta' Mejju 1999 il-Qorti ssoprasjediet sabiex r-rikorrenti tistitwixxi il-proceduri kostituzzjonali opportuni w akkordat lir-rikorrenti terminu ta' xahar ghall-istituzzjoni tal-istess; u din fil-fatt hija l-kawza odjerna.

Illi fil-fatt f'dawn il-proceduri r-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex (1) tiddikjara u tiddeciedi illi l-**Artikolu 13** tal-imsemmija Regolamenti u l-Artikoli l-ohra li jaghmlu referenza ghas-sess maskili biss, jilledu d-drittijiet fundamentali taghha protetti mill-**Artikoli 45 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 14 marbut ma l-Artikolu 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem,** in kwantu joholqu diskriminazzjoni fuq bazi ta' l-istess Regolamenti u li jaghmlu diskriminazzjoni; (2) tiddikjara null u bla effett l-**artikolu 13 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 tal-1993)** u dawk l-artikoli kollha l-ohra tar-**Regolamenti tal-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 ta' l-1993)** u li jaghmlu diskriminazzjoni fuq bazi ta' sess; (3) taghti kull rimedju iehor necessarju w opportun fosthom li tordna lill-intimat Bord tal-Haddiema tal-Port jirregistra lir-rikorrenti fir-Registru tal-Haddiema tal-Port.

Illi jinghad illi f'dik l-istess sentenza fl-ismijiet **"Vicoria Cassar vs Carmelo Schembri nomine"** illi l-**artikolu 13 tar-Regolamenti tan-1993** li gie fis-sehh fin-1993 *"jillimita espressament il-mili tal-vakanzi krejati fix-xoghol tal-port ghall-persuni tas-sess maskil. Dan hu aktar minn evidenti mhux biss ghall-mod kif ir-Regolament numru 5 (13) fid-diversi subincizi tieghu gie redatt, imma wkoll mill-mod kif dan il-hsieb centrali fir-rigward ta' l-elegibilita' tal-persuni biex jimlew il-vakanzi hu trasmess f'regolamenti ohra ssussegwenti li jirregolaw aspetti ohra tal-istess mertu, fosthom regolamenti 6, …..".*

Illi ghalhekk la darba dan huwa hekk, ma jistax jintuza il-provediment tal-**artikolu 4 Kap 249** ghal dik li hija interprettazzjoni, b'dan li *"kliem li juru gens maskil ghandu jinkludi l-gens femminil",* peress li f'dawn ir-regolamenti huwa car li l-hsieb huwa kuntrarju ghall-istess interprettazzjoni.

Illi ghalhekk saret din il-kawza sabiex l-istess regolamenti, inkwantu jirrigwardaw ir-rikorrenti, u l-istat taghha ta' mara, jigu dikjarati anti-kostituzzjonali stante li jiddiskriminaw kontra in-nisa, a bazi ta' sess, liema diskriminazzjoni ma hijiex ragonevolment gustifikabbli.

**III. INTERESS GURIDIKU RIKJEST.**

Illi wahda mill-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, hija li hija ma ghandha ebda interess guridiku fl-annullament tal-**artikolu 13 tar-Regolamenti tal-1993.**

Illi fil-gurisprudenza nostrana gie kostantement ritenut illi:

> "*Huwa ormai pacifiku illi (a) l-interess guridiku ghandu jkun attwali, jigifieri li ghandu jkun jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni, u (b) illi l-interess jehtieg li jkun konkret, personali u sussistenti di fronti ghall-konvenut maghzul bhala legittimu kontradittur tad-domanda, ghaliex anke ghall-konvenut l-interess huwa l-mizura ta' l-eccezzjoni".* (**Vol XL.I.Pt 11, p 1051).**

Illi r-rekwizit essenzjali ta' l-interess guridiku li jehtieg li jkun attwali gie definit mill-**Mortara** bhala "*la utilita` finale della domanda giudiziale sul tema dell' asserita esistenza e violazione di un diritto"* (**Vol LXXV. Pt 11. p 386).**

Illi kif intqal fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "**Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe**" - (29.01.1997, Vol LXXXI, pt 11, p 250), hu wkoll stabbilit li min jipproponi kawza ghandu jkollu mhux biss interess fl-ezitu taghha, imma dan l-interess ghandu jkun jissussisti fil-konfront tal-konvenut (Vol LXXVI. pt 11. p 246). Huwa difatti minn dan il-principju tal-kontestazzjoni ta' l-attur fil-konfront tal-konvenut, ta' vjolazzjoni ta' dritt lilu spettanti jew ta' theddid ta' vjolazzjoni ta' dritt, li tinholoq ir-relazzjoni guridika, li tirradika l-azzjoni kontra l-konvenut u tindikah bhala l-legittimu kontradittur ta' l-attur.

Illi intqal ukoll illi l-interess jehtieg biss li jkun ta' natura guridika jigifieri li jkun jikkorispondi ghall-lezjoni ta' dritt u lanqas hu mehtieg li jkun hemm vjolazzjoni ta' dritt vera u proprju, imma hu bizzejjed li l-ezistenza tad-dritt tkun minaccjata **(Vol XXXVI. pt 11. p 532).**

Illi ghalhekk dak li sostnew l-intimati l-Onor. Prim Ministru u Avukat Generali fir-risposta taghhom, cioe` li

r-rikorrenti m'ghandha ebda interess guridiku biex takkampa din l-azzjoni, ghar-ragunijiet imsemmija hu totalment infondat. Illi m'hemmx dubju li r-rikorrenti hi l-akbar minn tlett ulied bniet ta' Carmelo Abela li kien haddiem tal-port u li rtira. Illi b'konsegwenza tar-regolamenti msemmija l-post vakanti ma jigiex mehud minnha imma minn hu missierha. Illi stante li hi trid tahdem fil-port u hija qed tallega li dawn ir-restrizzjonijiet qed izommuha milli taghmel dan, u b'hekk qed jilledulha d-drittijiet fundamentali taghha il-konsegwenza naturali tal-istess hija li l-istess rikorrenti ghandha interess guridiku f'dawn il-proceduri sabiex jekk gustifikata, telimina din id-diskriminazzjoni minnha allegata fuq bazi ta' sess, u fil-fatt qed titlob li l-istess artikolu/i tar-regolamenti appositi, jigu dikjarati nulli u bla effett in kwantu allegatement jipprovdu ghall-istess diskriminazzjoni, u certament mhux in kwantu jipprovdu ghall-mili ta' vakanza.

## IV. LEGITTIMU KONTRADITTUR.

Illi dwar l-eccezzjoni li l-Onor. Prim' Ministru ma huwiex il-legittimu kontradittur huwa sintomatiku li wiehed jirreferi ghall-istess sentenza **"Victoria Cassar et vs Carmel Schembri nomine"** (P.A. 7 ta' Mejju 1999) fejn l-istess Qorti wara li accennat ghall-fatt li l-vertenza kostituzzjonali f'dik il-kawza (cioe' dik odjerna) kienet tesorbita mill-mertu tal-azzjoni proposta, ghaliex ma kienitx tinteressa biss il-partijiet fil-kawza, izda wkoll kellhu jkollha legittimu kontradittur biex jirrispondi ghall-allegata vjolazzjoni tad-dritt fondamentali, ikkonkludiet li tali azzjoni kellha tkun ghalhekk separata, sabiex il-Prim' Ministru jiddahhal fl-azzjoni minhabba l-interess guridiku dirett fil-lanjanza kostituzzjonali sollevata mill-attrici.

Din hija proprju din il-kawza, u din il-Qorti taqbel perfettament ma dak li qalet l-istess Prim'Awla fis-sentenza citata, u ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha wkoll tigi michuda.

## V. L-ARTIKOLU 45 TAL-KOSTITUZZJONI.

Illi l-**Artikolu 14** tal-Kostituzzjoni ta' Malta jghid:

> *"L-Istat ghandu jippromwovi dritt ugwali ta' rgiel u nisa li jgawdu d-drittijiet ekonomici, socjali, kulturali, civili u politici kollha u ghal dan il-ghan ghandu jiehu dawk il-mizuri li jkunu ndikati biex jelimina kull forma ta' diskriminazzjoni bejn is-sessi, minn kull persuna, organizzazzjoni jew azjenda; l-Istat ghandu b'mod partikolari jimmira li jizgura li l-haddiema nisa jgawdu drittijiet indaqs u l-istess pagi ghall-istess xoghol bhal irgiel".*

Illi dan l-artikolu jaqa' taht i**l-Kapitolu II (Dikjarazzjoni ta' Principji) tal-Kostituzzjoni** liema artikoli m'humiex enforzabbli.  Fil-fatt l-**artikolu 21** jipprovdi li:

> *"Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu ma jkunux esegwibbli f'xi Qorti, izda l-principji li hemm fihom huma b'dan kollu fondamentali ghall-iggvernar tal-pajjiz u jkun l-iskop ta' l-Istat li japplika dawn il-principji fl-eghmil ta' ligijiet".*

Illi, ghalhekk **l-artikolu 14 tal-Kostituzzjoni** huwa ntiz bhala principju generali.

Illi l-artikolu enforzabbli huwa **l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** li jaghti protezzjoni minn diskriminazzjoni. **Is-subinciz (1)** ta' dan l-artikolu jipprovdi li:

> *"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta' dan l-artikolu ebda ligi ma ghandha taghmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nfisha jew fl-effetti taghha".*

**Is-subinciz (3)** tal-istess artikolu jipprovdi illi fl-artikolu il-kelma "*diskriminatorju"* tfisser "*ghoti ta' trattament differenti li diversi persuni attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skond … <u>is-sess</u> li minhabba fiha persuni ta' deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu soggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijet li persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux soggetti ghalihom …".*

Illi jrid jinghad ukoll li l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza "**Rose Anne Galea vs L-Onorevoli Prim Ministru**" (Q.K. 11 ta' April 1995) spjegat li:

> *"Il-Kostituzzjoni taghna tiggarantixxi trattament non-diskriminatorju b'mod aktar specifiku, awtonomu u indipendenti minn drittijiet u libertajiet ohra. Hawnhekk hija d-diskriminazzjoni fiha nfisha, li hija konsidrata bhala bazi tal-azzjoni u allura m'hemmx bzonn li ssir referenza ghal xi dritt jew liberta` fondamentali iehor; m'hemmx bzonn ta' abbinament ta' zewg normi li jiggarantixxu drittijet fundamentali".*

Illi din il-posizzjoni fil-Kostituzzjoni hija ben differenti mill-provedimenti dwar il-**Kap 319** kif ser jinghad iktar il-fuq, stante li skond l-istess Kostituzzjoni it-trattament non-diskriminatorju fuq il-bazijiet uhud minnhom hemm indikati, huwa prottet *ut sic* ghaliex huwa awtonomu, u ksur tal-istess artikolu ghalhekk jimporta ksur tal-istess dritt, minghajr ma jehtieg li jkun hemm ksur ta' dritt fondamentali iehor fl-istess Kostituzzjoni.

Illi pero' sabiex japplika l-istess **artikolu 45 (1)** xorta ma jridx ikun kaz li jaqa' taht is-**subartikoli (4) (5) u (7) tal-istess artikolu,** tant li l-istess subartikoli huma *"saved"* fl-istess **subartikolu (1).**

Illi jidher car mill-istess subartikoli li dawk enumerati (5) u (7) ma humiex ostakolu ghall-azzjoni odjerna, stante illi l-kaz odjern ma jikkoncernax korp dixxiplinat imsemmi fis-subartikolu (5) (a) u rigward il-kumplamwent tal-istess subartikolu (5) (b) u is-subartikolu (7) tali eccezzjonijiet hemm indikati ghall-applikabilita` tal-**artikolu 45 (1),** ma japplikawx *inter alia* ghall-kwalifiki fl-ufficju indikati u provedimenti legali li jirrigwardaw sess specifikatament. F'dan il-kaz, il-lamentela kostituzzjonali hija dwar diskriminazzjoni a bazi specifika ta' sess.

Illi l-argument huwa mod iehor ghal dak li jirrigwarda is-**subartikolu 4 tal-artikolu 45** u dan peress li ghalkemm jidher manifestament li l-paragrafi (a) (b) (c) u (e) ma ghandhom ebda relevanza ghall-kaz *"de quo",* mhux l-istess jista' jinghad ghall-paragrafu (d) tal-istess li jipprovdi illi:-

> *"li biha persuni ta' xi deskrizzjoni bhal dik kif hija msemmija fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu jistghu jigu assoggettati ghal xi*

> *inkapacita' jew restrizzjoni jew jistghu jigu moghtija xi privilegg jew vantagg li, meta jittiehed kont tax-xorta ta' dawn u ta' cirkostanzi specjali li jappartjenu lil dawk il-persuni jew lil persuni ta' xi deskrizzjoni ohra bhal dik u ta' kull disposizzjoni ohra ta' din il-Kostituzzjoni, ikun ragonevolment gustifikkabbli f'socjeta' demokratika".*

Illi ghalhekk sabiex tirnexxi l-azzjoni tar-rikorrenti a bazi tal-**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** irid jirrizulta li fl-ewwel lok hemm diskriminazzjoni a bazi ta' sess, u *di piu'* li tali diskriminazzjoni ma tkunx ragonevolment gustifikabbli f'socjeta' demokrattika.

## VI. DEFINIZZJONI TA' "DISKRIMINAZZJONI".

Illi skond is-sentenza ricenti fl-ismijiet **"Katerina Cachia vs Direttur Generali tas-Sahha"** (V.D.G. 11 ta' Awissu 2000) inghad illi :-

> *"l-aktar definizzjoni cara ta' xi tfisser "diskriminazzjoni" f'dan il-kuntest inghatat mill-Qorti Ewropeja fis-sentenza taghha tat-28 ta' Settembru 1995, fil-kawza fl-ismijiet **"Spadea and Scalabrino vs Italy".** Dik il-Qorti qalet hekk: "Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in 'relevantly' similar situations and treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established, inter alia, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated". Il-Qorti hawnhekk tosserva li l-uzu tal-kelma "similar" u mhux il-kelma "identical"".*

Illi fil-ktieb **"Civil Liberties",** Helen Fenwick iddiskriviet is-sinifikat ta' diskriminazzjoni hekk:-

> *"One of the main themes in human rights jurisprudence concerns the duty of the states to treat citizens with equal concern and respect. This does not mean that no differentiation between citizens may occur but*

*that inequality of treatment should not be based on factors which do not justify it. Thus, discrimination may be defined as morally unjustifiable as opposed to justifiable differentiation. It may be said that the latter occurs when a difference in treatment is accorded due to behaviour which is the result of voluntary choice, the former when it is based on an attribute over which the individual has no control such as sex or skin colour".* (pg.547).

Illi ghalkemm dawn il-kwotazzjonijiet qed jirreferu ghall-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja,** fl-opinjoni ta' din il-Qorti, tali definizzjoni tapplika wkoll ghall-**artikolu Kostituzzjonali taht ezami,** u fil-fatt dan l-istess sinifikat gie abbraccjat mill-gurisprudenza nostrali ghall-kazi li jaqaw taht l-**artikolu 45 tal-Kap 1.**

Illi ineffetti fis-sentenza **"Angelo Xeureb vs Kummissarju tal-Pulizija"** (Q.K. 17 ta' Frar 1999) inghad li jkun hemm diskriminazzjoni meta (1) kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali; (2) jigu trattati b'mod differenti (inkluz permezz ta' l-imposizzjoni ta' inkapacitajiet jew restrizzjonijiet jew l-ghoti ta' privileggi jew vantaggi); (3) meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti (tali bazi objettiva u ragonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti jkun attribwibbli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post ta' origini, l-opinjonijiet politici, ecc … tal-persuni); jew (4) jekk ma jkunx hemm rapport ragonevoli ta' proporzjonalita` bejn il-mezzi mpjegati u l-iskop vizwalizzat.

Inoltre` l-istess Qorti kompliet tespandi fuq is-sinifikat ta' diskriminazzjoni taht **l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** meta precizat illi "*naturalment salv dejjem l-eccezzjonijiet imsemmija fis-subartikoli ta' dak l-artikolu. Jekk ikun hemm id-diskriminazzjoni kif hawn aktar 'l fuq spjegat, mhux mehtieg li jirrizulta jew li jigi pruvat li min kien il-kawza tad-diskriminazzjoni agixxa proprju bil-hsieb li jiddikrimina fuq bazi ta' razza, opinjoni politika, sess, etc; fi kliem iehor dak li l-Qorti ghandha tara hu jekk oggettivament tirrizultax id-diskriminazzjoni projbita, u mhux il-movent ta' min igib jew iwassal ghal tali diskriminazzjoni (ara f'dan is-sens,* ***"Saviour Gauci vs***

***Direttur ta' l-Edukazzjoni*" - Prim Awla, Sede Kost - 14/07/75); *"Carmel Cocopardo vs Ministru tax-Xogholijiet et*" - ga citata). Fondamentali, ghalhekk, fl-ezami tal-fatti hu jekk hemmx kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali li gew trattati b'mod differenti".*

Illi dan jaqbel perfettament ma dak li inghad fis-sentenza **"L-Onor. Joseph Debono Grech vs Albert Mizzi"** (Q.K. 3 ta' Frar 1999) u cioe' illi:-

> *"Illi hu car illi ghall-fini ta' dan l-artikolu (is-subinciz 3 tal-artikolu 3 tal-Kostituzzjoni), id-diskriminazzjoni kellha bilfors tirrizulta mill-paragun tat-trattament li persuni tal-istess deskrizzjoni kienu jinghataw u trid timporta differenza fl-ghoti ta' dak it-trattament li setghet tigi posittivament identifikata u attribwibbli, ghal kollox jew principalment, ghall-fatt li dawk il-persuni kienu trattati diversament…..".*

Illi applikat dan il-principju ghall kaz *de quo* dan ifisser li sabiex tigi ippruvata l-allegazjoni attrici jrid jirrizulta li fil-kaz partikolari hija giet zvantagjata minhabba l-fatt li hija mara, b'dan ghalhekk li ragel fl-istess cirkostanzi medesimi, ma jkunx gie assogattat ghall-istess trattament. Illi huwa essenzjali li dan il-paragun isir, anke ghaliex dan mhux biss jipprova it-trattament differenti li l-Kostituzzjoni qeghda hemm biex tipproteggi, izda ghaliex il-Kostitizzjoni mhux biss tiddetermina b'mod tassattiv il-bazi tad-diskriminazzjoni, imma wkoll tesigi illi jkun jirrizulta dan l-element ta' distinzjoni posittiva, materjali u attwali, fit-trattament bejn persuni tal-istess deskrizzjoni. Distinzjoni li trid tissarraf f'inkapacita' jew restrizzjoni jew zvantagg jew *vice versa* fi privilegg jew vantagg. Huwa biss meta tirrizulta din id-distinzjoni li ghandu jigi ezaminat jekk din setghetx titqies li kienet principalment jew ghal kollox attribwibbli ghal xi wahda mir-ragunijiet specifikati fosthom dik ta' sess kif inhu dan il-kaz.
Illi dan ifisser li l-ezami li jrid isir huwa jekk l-lanjant f'certu cirkostanzi giex trattat b'certu mod, filwaqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi gie trattat b'mod differenti, b'dan li *"jrid isir paragun bejn l-izvantaggjat u l-ivvantaggjat fuq terren ta' cirkostanzi pari"* w allura *"paragun ta' 'like with like'",* u li allura dan id-differenzjament fit-trattatament kien dovut

principarjament jew unikament ghal wahda mill-elementi ndikati u protetti skond l-**artikolu 45 (3).**

Illi fis-sentenza citata bejn il-partijiet tal-Prim' Awla tas-7 ta' Mejju 1999 l-istess Qorti rigwardanti l-kwistjoni odjerna kkonkludiet li m'hemmx dubju li fir-regolamenti applikabbli ghall-kaz taht ezami l-legislatur ried jillimita espressament il-mili tal-vakanzi krejati fix-xoghol tal-port ghall-persuni ta' sess maskili. Spjegat ukoll li tali interpretazzjoni tohrog mhux biss mis-sens car tal-kliem uzat, imma wkoll mill-fatt li kienu facilment accessibbli ghall-legislatur termini alternattivi li jinkludu persuni ta' kull sess li setghu jigu wzati bla diskaptu ghas-sens tar-regolamenti.

Illi in effetti din il-Qorti taqbel ma dan ghaliex waqt li fl-*Enabling Act,* **l-Ordinanza dwar il-Haddiema tal-Port. - Kap 171,** ir-riferenza jew terminologija wzata hija ghal *"persuna"* jew *"haddiem tal-port",* fl-**Avviz Legali 90 tal-1993 - Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port,** u partikolarment **fir-regolament numru 13**, li huwa intenzjonat sabiex jillimita il-mili ta' vakanzi li jinholqu meta haddiem tal-port jirtira jew jghaddi bord mediku jew imut, saret ukoll limitazzjoni ulterjuri li tali post jintela' mill-***"iben, jew l-akbar mill-eta' fost l-ulied subien"*** jew fl-assenza ta' dawn ghal ***"hu dak il-haddiem tal-port jew ghall-akbar mill-eta' fost hutu l-irgiel"***. Din il-limitazzjoni, li teskludi b'mod esplicitu l-ulied u l-ahwa tas-sess femminili tal-haddiema tal-port mill-mili tal-istess vakanzi fic-cirkostanzi citati, tinsab applikata tul il-process kollu ta' elegibilita` u registrazzjoni tal-mili tal-vakanza u dan fid-diversi sub-artikoli tal-istess regolament u cioe' is-subartikoli (1), (3), (4) (6) (8) u (9), u wkoll fir-**regolamenti numri 14, 16, u 17 tal-istess Avviz Legali.**

Illi certament dan jammonta ghal diskriminizzjoni kontra l-ulied bniet, u l-ahwa femminili tal-haddiem tal-port li holoq tali vakanza, u l-effetti tal-istess disposizzjoni huwa li f'kaz ta' ulied, dawk tas-sess femminili huma eskluzi a favur l-ulied maskili, anke jekk ikunu l-akbar fost huthom, u l-istess japplika fil-kaz tal-ahwa. Fil-kaz partikolari, ir-rikorrenti ghalkemm hija bint il-haddiem tal-port li holoq tali vakanza, lanqas biss tista' tapplika ghall-mili ta' din il-posizzjoni, bil-konsegwenza li hu missierha gie eligibbli ghall-istess. Certament li dan huwa trattatament ghal

kollox diskriminatorju, maghmul sempliciment fuq bazi ta' sess ta' persuna.

Illi jinghad wkoll li l-intimati kemm fir-risposti , kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, ammettew li f'dan il-kaz veru jezisti trattament differenti bejn irgiel u nisa li huwa *'diskriminatorju'* bejn is-sessi, pero' dan huwa oggettivament gustifikabbli stante n-natura tax-xoghol involut.

## VII. GUSTIFIKAZZJONI OGGETTIVA F'SOCJETA' DEMOKRATIKA.

Illi dan it-test irid isir *ai termini* tal-**artikolu 45 (4) (d) tal-Kostituzzjoni,** u fil-fatt din hija id-difiza principali tal-istess intimati, ghalkemm din il-Qorti sejra f'dan il-punt tezamina l-istess fl-ambitu kostituzzjonali.

Illi stabbilit illi r-regolamenti impunjati jeskludu lin-nisa milli jimlew il-vaganzi indikati, sewwa jekk ikunu ulied il-haddiem tax-xatt li jkun miet, ser jirtira, jew ghadda bord mediku, u anke lil hut l-istess haddiem tal-port, jibqa' li jigi ezaminat jekk dan huwiex oggettivament gustifikabbli f'socjeta' demokratika.

Illi bhala bazi ghall-argument tieghu l-Avukat Generali fin-nota ta' sottomissjonijiet qed jikkontendi, fost ohrajn, li r-raguni ghal tali regolament hija li in vista tan-natura tax-xoghol u ta' l-ambjent li fih jitwettaq l-appartenenza ghas-sess maskili hija fattur determinanti. Dan peress li l-istess intimati qed isostnu illi biex wiehed ikun jista' jaghmel ix-xoghol kollu mehtieg minn haddiem tal-port wiehed irid ikollu certa sahha fizika u kapacita` li jahdem fl-gholi u jaghmel xoghol skabruz u fizikament ezigenti. Illi ghalkemm mhux ix-xoghol kollu jinvolvi tali strapazz, pero` hemm parti kbira minnu li huwa hekk, u ghalhekk jekk persuna ma tkunx fizikament robusta tispicca tghabbi lil haddiehor b'xogholha. Inoltre` ghalkemm il-principju tat-trattament ugwali tan-nisa u ta' l-irgiel huwa wiehed accettat dan il-principju mhux minghajr eccezzjonijiet, u l-intimati jsostnu li dan tal-haddiema tal-port huwa proprju wiehed minnhom.

Illi hawn huwa rilevanti dak li ntqal fis-sentenza "**Paul Stoner et vs l-Onorevoli Prim Ministru et**" (Q.K. 22 ta' Frar 1996) fejn il-Qorti Kostituzzjonali sostniet illi:

> "*meta wiehed iqis jekk diskriminazzjoni tistax tigi gustifikata minhabba li setghet tigi konsiderata ragonevoli f'socjeta` domokratika ghar-ragunijiet li l-istess Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni jippermettu, dan ma jistax jaghmlu 'in vacuo'. Dan l-ezercizzju ta' apprezzament irid isir in relazzjoni ma esigenzi rejali u konkreti fil-mument storiku tal-izvilupp tal-pajjiz u tas-socjeta`. Irid ukoll isir fil-kuntest tal-izvilupp tal-ordinament legislattiv li s-socjeta` taghzel biex tirregola l-attivitajiet socjali taghha u tal-membri taghha fit-taqsimiet u differenzi vitali taghha - f'dan il-kaz bejn is-sessi. Il-ligi hija haga hajja u dinamika u konsegwentement l-izvillupp legislattiv irid izomm il-pass mal-izvilupp socjali b'mod li l-ligijiet jigu adegwati b'mod ragonevoli u organiku biex jaqdu l-esigenzi socjali. Hu b'dan il-mod li jigri li dak li f'certu zmien ma jkunx meqjus li jkun diskriminatorju, u anzi jkun mehtieg biex jirregola u jaqdi anki bzonnijiet socjali, jista' jkun meqjus li jsir diskriminatorju fi zminijiet ohra meta c-cirkostanzi jinbidlu anki b'mod radikali".*

Illi fl-istess sentenza il-Qorti Kostituzzjonali kkwotat mid-dahla ghall-'*White Paper*' **"Shab indaqs fiz-Zwieg"** li pprecediet l-emendi tal-1993 fejn kien intqal hekk:

> *"Fil-1987, il-Parlament Malti ghadda bhala ligi l-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Jeddijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem. Iktar tard f'Marzu ta' din is-sena (1991), il-Gvern iffirma l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tnehhija ta' kull Ghamla ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa. F'Lulju mbaghad il-Kostituzzjoni kienet emendata biex tipprovdi rimedju legali ghal min isofri diskriminazzjoni minhabba s-sess. Dawn huma tibdiliet radikali fis-socjeta` u fil-ligijiet motivati bil-principju illi "il-mara u r-ragel ghandhom ikollhom jeddijiet l-istess"".*

Illi ma dan jista' jizdied ukoll il-posizzjoni attwali ta' pajjizna u r-relazzjoni tieghu mal-Unjoni Ewropeja, fejn fil-ligijiet tal-istess *European Community Law* saru diversi regolamenti sabiex jassiguraw ugwaljanza ta' trattament bejn is-sessi fuq il-post tax-xoghol, bhal *l-Artikolu 13 tat-Trattat ta' Ruma,* li pprovda ghall-*"equal pay for equal work",* imsahhah bl-*Equal Pay Directive 75/117, fil-waqt li Equal Treatment Directive 76/207* u il-*Pregnancy Directive 92/85* jittrattaw aspetti ohra ta' diskriminazzjoni a bazi ta' sess. Dawn ma humiex parti mill-ordinament guridiku Malti, pero` certament juru li fiz-zminijiet tal-lum, kemm f'pajjizna u kemm f'diversi pajjizi ohra, l-orjentament huwa kontinwament immirat sabiex tigi rejalment eliminata d-diskriminazzjoni bejn is-sessi f'kull aspett tal-hajja. L-emendi iktar fuq indikati fil-ligi Maltija, u fil-Kodici Civili, huma xhieda ta' dan, pero` xorta hemm diversi passi li ghad iridu jittiehdu, sabiex tigi eleminata certa diskriminazzjoni u **l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** jipprovdi bazi soda ghal-istess, bhala l-ligi suprema tal-pajjiz.

Illi dan kollu gie citat peress li hu ferm rilevanti ghal dak li se jsegwi. Illi f'dan ir-rikors xehed **Carmel Schembri**, Direttur Ezekuttiv Portijiet Awtorita` Marittima kif ukoll *Chairman tal-Port Worker's Board*. Hu spjega li l-*port workers* huma kollha rgiel u li x-xoghol jikkonsisti f'manigg ta' merkanzija minn abbord ghall-art. Il-haddiema jridu jitilghu fil-gholi fuq slielen jew mal-ganc tal-*crane*, cioe` xoghol li jirrikjedi persuna robusta. Inoltre` xehed li testijiet medici ma jsirux perjodikament hlief meta haddiem ikun ilu assenti fuq mard ghal zmien twil. Illi in kontro-ezami qal li jsir test biex jaraw jekk min ikun irid jidhol jahdem jerfax certu toqol ta' hamsa u hamsin kilogramm u dan skond ir-regolamenti. Pero`, imbaghad kemm impjegat idum jahdem ma jsirulux aktar testijiet sakemm ma jkunx hemm rapport. Illi l-istess xhud qal li l-parti l-kbira tax-xoghol tal-port huwa llum mekkanizzat ghalkemm ma jeskludix sahha fizika. Fuq domanda tal-Qorti jekk qattx saru testijiet biex wiehed jara jekk mara hijiex kompetenti biex taghmel dan ix-xoghol, hu rrisponda li qatt ma saru u li '*tista' tkun kompetenti biex taghmilhom'.* Rigward il-lashing, ikkonferma li mhux il-haddiema kollha jaghmluh. Illi gieli wkoll ikun hemm nies li jirrifjutaw li jaghmlu xi xoghol, dawn ma jitkeccewx peress li jirrangaw ma shabhom. Illi

hu qal li hadd qatt ma gie *boarded out* minhabba l-eta` u ghax mhux kapaci jitla' fuq container. Kien hemm biss zewg kazijiet fejn ma dahlux minhabba obesita` w iehor ghax *boarded out* minhabba hxuna. Fl-ahharnett, ir-rekwiziti ta' sahha fizika huma rikjesti biss fil-bidu. Wara li persuna tibda taghmel dan ix-xoghol l-awtoritajiet jikkunsidraw li dan l-impjegat jibqa' b'sahhtu ghal tul l-impjieg kollu, ghalkemm jehduha *for granted* li bniedem ta' sittin mhux se jibqa' tajjeb bhal meta jkun applika.

Illi minn tali xhieda jirrizulta li m'hemm l-ebda gustifikazzjoni ghal din id-differenza li hemm bejn is-sessi fil-mili tal-istess vakanzi. Dan ghaliex ghalkemm ix-xoghol jirrikjedi certu ammont ta' sahha fizika pero` zgur li m'ghandux jeskludi li mara tista' taghmel tali xoghol. Dan ukoll in vista tal-fatt li anke ragel ta' sittin sena hu meqjus li ghadu b'sahhtu u jista' jaghmel tali xoghol. Kwindi tali differenza fit-trattament bejn is-sessi ma tistax tigi kkunsidrata bhala wahda oggettiva. Illi kif sostniet il-Qorti Ewropeja kemm-il darba "*the advancement of the equality of sexes is today a major goal in the member - States of the Council of Europe. This means that very weighty reasons would have to be advanced before a difference of treatment on the ground of sex could be regarded as compatible with the Convention"*. ("**Abdulaziz, Cabales & Balkandali vs U.K.**" - 1985 - E.H.R.R. 471).

Illi f'**Burghartz vs Switzerland [(1994)** 18.E.H.R.R.101] il-gustifikazzjonijiet avvanzati mill-awtoritajiet lokali gew michuda "*… in view of the importance of the advancement of the equality of sexes today in the Member States of the Coucil of Europe, the Commission finds that tradition in itself no longer suffices to justify the difference of treatment on the ground of sex complained of …"*.

Illi fi "**Schmidt vs Germany"** [(1994) 18 E.H.R.R. 513] il-kwistjoni kienet il-legalita` li timponi obligazzjoni biss fuq irgiel li jservu bhal pumpiera jew minflok li jhallsu *fire service levy*. Il-Kummissjoni Ewopeja fost affarijiet ohra kkumentat li n-nisa setghu jservu, u sabet li "*the distinction based on the link to service no longer carried the same weight and that the desire to protect women was no longer justified*".

Illi ghalhekk l-intimati ma rnexxielhomx jippruvaw illi hemm gustifikazzjoni oggettiva ghad-diskriminazzjoni li tezisti bejn is-sessi permezz tar-Regolamenti in kwistjoni. Ghal dawn il-motivi l-Artikolu 13 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 ta' l-1993) u l-Artikoli l-ohra li jaghmlu referenza ghas-sess maskili jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti protetti mill-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

## VIII. ARTIKOLU 14 TAL-KONVENZJONI EWROPEJA.

Illi l-**Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem** jipprovdi illi:

> *"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhala huma s-"sess, …".*

Illi kif gie ritenut mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Abdulaziz, Cabales and Balkandali (28 ta' Mejju 1985):**

> *"Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the "enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter".*

Illi fis-sentenza "**Angelo Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija"** (Qorti Kost. 17 ta' Frar 1999), il-Qorti qalet li l-awturi van Dijk u van Hoof, b'referenza ghal dan il-passagg mis-sentenza <u>Abdalaziz</u>, spejgaw li:

> *"This formula makes it clear that Article 14 is not independent in the sense that there has to be at least some kind of relation with the rights*

> *and freedoms of the Convention; differential treatment in a field which falls outside the scope of the Convention cannot amount to a violation of Article 14"* ***(Theory and Practice of the European Convention on Human Rights, Kluwer, 1990, p 536).***

Jidher li ghalhekk ir-rikorrenti qed tabbina dan l-**Artikolu 14 ma' l-Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem** li testwalment u rispettivament ighidu hekk:

**Art (3)** "*Hadd ma ghandu jigi assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degredanti*".

(1) *Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.*

(2) *Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorità pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun mehtieg f'socjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor.*"

**<u>(A) ARTIKOLU 3 TAL-KONVENZJONI EWROPEJA.</u>**

**L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni** jghid hekk: "*Hadd ma ghandu jigi assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degredanti*".

Illi fil-kaz in ezami m'hemmx kwistjoni ta' xi tortura jew piena w allura ghandhom jigu eliminati mill-ewwel, illi ghalhekk jibqa' sabiex jigi kkunsidrat jekk hemmx trattament degredanti.

Illi fis-sentenza moghtija ricentament "**Katerina Cachia vs Direttur Generali tad-Dipartment tas-Sahha et**" - (P.A.V.D.G. (Sede Kost) - 11 ta' Awissu 2000), il-Qorti spjegat dan l-Artikolu hekk:

> *"Kif jispjega van Dijk u van Hoof fit-tielet edizzjoni tal-ktieb Theory and Practice of the Eurpean Convention on Human Rights (Kluwer, The Hague, 1998): "There is no abstract, absolute standard for the kinds of treatment and punishment prohibited by Article 3. The question whether a treatment or punishment is inhuman or degrading must be judged by the circumstances of the case and the prevalent view of the time" (p 311). Bhala regola, u a bazi ta' dak li gie deciz mill-Qorti Ewropeja fil-kaz "***Ireland vs United Kingdom***" (18/01/78), ikun hemm trattament inuman meta jkun hemm "the infliction of intense physical or mental suffering", filwaqt li trattament degredanti jinkludi "ill treatment designed to arouse in victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them and possibly breaking their physical or moral resistance" (ara wkoll Short Guide to the European Convention on Human Rights, Council of Europe, Strasbourg, 1998, p 12). Biex trattament, jew ahjar maltrattament, jista' jinghad li jammonta ghal trattament inuman jew degredanti (jew it-tnejn) "… it must attain a minimum level of severity … The assessment of this minimum is, in the nature of things, relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim" (***"Ireland vs United Kingdom"***, 18/01/78, A 21 (1978) p 65)".*

Illi l-kwistjoni fil-kaz odjern hi li l-awtoritajiet kompetenti qed icahhdu lir-rikorrenti milli din timla' l-post vakanti li halla missierha bhala haddiem tal-port ghas-semplici raguni li hija mara, u bint l-istess haddiem, u mhux iben l-istess haddiem. Illi pero` meta huma ghamlu dan huma kienu qed jimxu skond ir-regolamenti vigenti, fis-sens li r-regolamenti li qed jigu attakkati jimpedixxu lin-nisa milli jimlew tali post vakanti. Illi ghalkemm din il-bazi tal-allegata diskriminazzjoni, tista' tkun diskriminatorja, pero`

hija kwistjoni ohra jekk din twassalx ghal trattament degredanti fil-konfront tal-persuna koncernata.

Illi wara li rat il-provi u hadet in konsiderazzjoni x'tghid il-gurisprudenza u x'ighidu l-awturi in tema ta' trattament inuman u degredanti, din il-Qorti hi tal-fehma li kif inghad minn Helen Fenwick fl-istudju *taghha "Civil Liberties" "Article 3 can be used in a broad way to bring rights within the scope of the Convention which are not expressly included. Thus article 3 could be invoked in relation to discriminatory treatment on the basis of race and possibly on the basis of sex and sexual orientation because such treatment can be possibly termed degrading according to the Commission in the East African Asian Cases" (page 42).*

Illi ineffetti fil-kaz appena citat, iktar komunament maghruf bhala **"Abdulaziz, Cabales and Balkandali"** (1973) holoq precedent u wessa sew l-applikazzjoni tal-artikolu 14, billi ghalkemm gie ritenut li l-istess artikolu mhux awtonomu, pero` jaghti tifsira iktar wiesgha lid-drittijiet fundamentali l-ohra, bhal dak tal-artikolu 8, meta applikat flimkien mal-istess artikolu 14.

Illi fil-fatt fil-kaz in ezami l-istess Qorti Ewropeja sabet illi l-fatt illi l-irgiel barranin tar-rikorrenti nisa legalment residenti fil-pajjiz ma kienux qed jithallew jidhlu l-Ingilterra, b'differenza ghan-nisa barranin ta' irgiel li kellhom dritt taht il-ligijiet vigenti dak z-zmien jidhlu l-Ingilterra, kien jinvolvi trattament diskriminatorju bi ksur tal-artikolu 8 abbinat mal-artikolu 14, ghalkemm tali att wahdu ma kienx jikser *per se* l-artikolu 8. Illi dan l-izvilupp certament ifisser li l-import tal-istess artikolu 14 meta abbinat mal-artikoli l-ohra tal-istess Konvenzjoni, jaghti lill-istess artikoli applikazzjoni u interpretazzjoni iktar wiesgha fid-dawl tal-principji kontra d-diskriminazzjoni enuncjati fl-artikolu 14, bil-konsegwenza li ta' indubjament interpretazzjoni aktar libera ghall-kazi li jistghu jaqaw taht l-istess artikoli, li minghajr it-test tal-artikolu 14, kienu jibqghu barra mill-ambitu ta' protezzjoni tal-istess imsemmija drittijiet fundamentali. **(European Human Rights Law - Mark Janis** - page 257).

Illi applikat dan il-principju ghall-kaz *de quo* jinghad li bir-rifjut li timla' l-post vakanti ta' missierha l-awtoritajiet koncernati qed jitrattaw lir-rikorrenti b'mod degredanti,

ghaliex minghajr ebda konsiderazzjoni ta' xejn, la dwar il-kapacita` taghha fizika u mentali, u minghajr ebda riferenza kwalunkwe ghall-kwalifiki, eta`, kondotta, stat mediku taghha, u sahansitra ir-rekwiziti rikjesti mill-istess regolamenti innifishom taht r-regolament 11 (3) tal-istess Avviz Legali, izda biss fuq il-bazi unika li hija ta' sess femminili, hija qed tigi eskluza *a priori* milli tapplika ghall-istess mili ta' vaganza ta' misserha bhala haddiem tal-port, meta kieku kienet ragel, jew applika ragel, din l-opportunita` li jimla l-vakanza ta' missieru jew huh hija liberalment moghtija. Illi din il-Qorti thoss li din id-diskriminazzjoni kontra l-mara, tammonta wkoll ghall-trattament degredanti, stante li hija naxxenti mill-presuppost ghal kollox fittizju, li l-mara, biss ghaliex hija mara, ma hijiex kapaci taghmel dan ix-xoghol partikolari, ghaliex hija jew ahjar il-ligi tippresumi li ghax mara ma ghandhiex il-kapacita' fizika, mentali jew it-tnejn li taghmel dan it-tip ta' xoghol, u certament li provizjonijiet ta' dan it-tip iwaqqghu id-dinjita' tal-mara, u huma ghal kollox degredanti lejn il-persuna u l-istat taghha.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess, u a bazi tal-kuncett ta' diskriminazzjoni kif gie espost iktar il-fuq fil-kuntest tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti thoss li l-Artikolu 13 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 ta' l-1993) jaqa' f'dan l-ambitu u jikser id-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 meta abbinat mal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja, aktar w aktar meta wiehed jirreferi ghall-principji fuq esposti ta' dak li huwa ragonevoli jew f'dan il-kaz mhux ragonevoli f'socjeta' demokratika.

**<u>(B) ARTIKOLU 8 TAL-KONVENZJONI EWROPEJA.</u>**

Illi l-**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi illi:

> (1) *Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.*
>
> (2) *Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorità pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun mehtieg f'socjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-gid*

> *ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor.*

Illi **Luke Clements f'Taking a Case under the Convention** jispjega fuq tali artikolu li "*The starting point is therefore the principle that an individual has the right to live free from the shackles of the state; that the private is superior to the public. Where the public well-being places restriction upon individual privacy, these restrictions must be clearly defined, logically justified and the minimum necessary to achieve the legitimate collective objective".*

Illi hu ferm difficli li wiehed jiddefinixxi tali dritt li jinkorpora erba' kategoriji: *(i)* "*private life", (ii) family life; (iii) the home;* u (iv) *correspondence.* Illi ghal dak li jirrigwarda l-hajja privata, id-dar u l-korrispondenza m'hemmx kwistjoni dwarhom fil-vertenza odjerna. Illi ghalhekk jifdal biss li jigi studjat jekk l-istess kaz jistax jaqa' taht l-ambitu ta' l-**Artikolu 8** fir-rigward tad-dritt ghall-hajja familjari.

Illi m'hemm l-ebda dubju u lanqas kwistjoni li r-rikorrenti hi bint Carmelo Abela u li kieku r-regolament ma kienx jipprovdi li hu l-iben, jew l-akbar mill-eta` minn fost l-ulied subien, u fl-assenza hu l-haddiem tal-port li jista' japplika, kienet Victoria Cassar li kienet tista' tapplika. Illi pero` madanakollu, din il-Qorti hi tal-fehma li l-hajja familjari tar-rikorrenti ma giet bl-ebda mod mittiefsa. Illi ghalhekk il-kaz odjern ma jaqax taht l-ambitu ta' **l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja.**

## (C) <u>DISKRIMINAZZJONI TAHT L-KONVENZJONI EWROPEJA.</u>

Illi hawn il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li inghad rigwardanti **l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** stante li japplikaw l-istess principji, bid-differenza unika gia trattata li skond il-Konvenzjoni Ewropeja l-**artikolu 14** ma huwiex awtonomu izda jrid jigi applikat ma' wiehed mill-artikoli l-ohra tad-Drittijiet Fundamentali, kif fil-kaz *de quo* gia applikat mal-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni.**

Illi dwar trattament diskriminatorju intqal illi:

> "*Not every differentiation of treatment will constitute discrimination if the criteria for such differentiation are reasonable and objective and if the aim is to achieve a purpose which is legitimate under the Convenant".*

Il-Qrati taghna fil-kaz ta' **Martin Vella** (Q. K. 22 ta' April 1991) qalu li: *"huwa pacifiku li mhux kull distinzjoni hija diskriminazzjoni ghaliex certi distinzjonijiet huma necessarji ghal ragunijiet politici jew socjali"*.

Illi definizzjoni ta' xi tfisser "diskriminazzjoni" fil-kuntest ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja nghatat mill-Qorti Ewropeja fis-sentenza taghha tat-28 ta' Settembru 1995 fil-kawza fl-ismijiet "**Spadea and Scalabrino vs Italy**". Il-Qorti qalet hekk: "*Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in 'relevantly' similar situations and treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established, inter alia, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated*".

Illi fil-**Belgian Linguistic Case** (E.H.R.R. 241; Feb 9, 1967) il-Qorti Ewropeja stabbilit il-kriterji jekk differenza fi trattament tmurx kontra l-Artikolu 14, u pprovdiet illi:

> *"… the principle of equality of treatment is violated If the distinction has no objective and reasonable justification. The existence of such a justification must be assessed in relation to the aim and effect of the measure under consideration, regard being had to the principles which normally prevail in democratic societies. A difference of treatment in the exercise of a right laid down in the Convention must not only pursue a legitimate aim: Article 14 is likewise violated when it is clearly established that there is no reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised".*

Illi f'dan il-kuntest issir riferenza ghal dak li ntqal dwar diskriminazzjoni, iktar il-fuq f'din is-sentenza, u wkoll ghal dak fuq espost ghal dak li jirrigwarda dak li huwa ragonevolment gustifikabbli f'socjeta' demokratika, stante li lkoll japplikaw ghall-artikoli relattivi tal-Konvenzjoni.

## IX. IT-TIENI TALBA.

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni talba fir-rikors odjern l-intimat Avukat Generali ssottometta li din hi kontradittorja billi jekk jigi milqugh *in toto* dak li r-rikorrenti qed titlob u jigi annullat ir-Regolament numru 13 u l-licenzji tal-Haddiema tax-Xatt ma jibqghux jintirtu, hi zgur ma jkollha ebda pretensjoni li tigi registrata b'xi mod awtomatiku bhala haddiem tax-xatt in forza ta' l-irtirar mix-xoghol ta' missierha.

Illi pero` din il-Qorti ma taqbilx ma tali sottomissjoni u dan peress li m'hemm xejn kontradittorju f'dak li r-rikorrenti qed titlob. Dak li effettivament talbet hu li l-Artikolu 13 tar-Regolamenti ta' l-1993 u l-artikoli l-ohra ta' l-istess regolamenti li jaghmlu referenza ghas-sess maskili biss jigu dikjarati nulli u bla effett peress li joholqu diskriminazzjoni fuq bazi ta' sess. Illi kwindi mhux ir-regola jew il-principju ta' l-istess regolament li jigu dikjarati nulli pero` id-disposizzjonijiet fl-istess regolament li jindikaw diskriminazzjoni bejn is-sessi b'mod li ma tibqax issehh diskriminazzjoni fil-mili tal-vakanzi a skapitu ta' ulied bniet u ahwa nisa. Il-principju ta' eredita` bl-ebda mod ma gie attakkat, huwa l-mod ta' kif jithaddem li gie attakkat, u li ghandu jigi dikjarat antikostituzzjonali huwa biss dak li jiddiskrimina bejn persuna femminili u persuna maskili.

## X. IT-TIELET TALBA.

Illi r-rikorrenti talbet li l-Qorti taghti kull rimedju iehor necessarju w opportun biex jigu protetti d-drittijiet fundamentali taghha, fosthom li l-intimat Bord tal-Haddiema tal-Port jirregistrawha fir-Registru tal-Haddiema tal-Port.

L-intimat Avukat Generali rrileva li din it-talba m'hi bbazata fuq ebda dritt fondamentali. Wkoll illi jekk ir-

> regolament 13 huwa diskriminatorju dan ma jimportax bhala konsegwenza l-impieg awtomatiku tar-rikorrenti bhala haddiema tal-port imma jkollu jsir regolament iehor biex jirregola l-access ghall-licenzji ta' haddiema tal-port b'mod li jiehu in konsiderazzjoni l-bzonn li jigi eliminat dak kollu li jinstab li hu inammissibbli f'dak ir-regolament u mhux illi l-licenzja tintiret awtomatikament mir-rikorrenti rrispettivament minn jekk hijiex persuna idoneja biex taghmel dak ix-xoghol.
>
> Illi tali eccezzjoni wkoll ghandha tigi michuda peress li dak li qed titlob ir-rikorrenti hu r-rimedju konsegwenzjali ghat-talbiet taghha. Illi ghalkemm hu minnu li m'hemm l-ebda dritt fundamentali biex wiehed ikun haddiem tal-port, pero` jezisti dritt fondamentali li ma jkunx hemm diskriminazzjoni bejn is-sessi u li hi tkun tista' tapplika biex tigi registrat fir-Registru tal-Haddiema tal-Port."

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Minn din is-sentenza appellaw l-intimati kollha b'rikors uniku b'mod principali waqt li r-rikorrenti appellat incidentalment.

**<u>L-APPELL PRINCIPALI</u>**

Qabel tghaddi biex tikkonsidra l-aggravji ta' l-appellanti li jipprezentaw kwadru kompless ta' argumentazzjoni illi jtendi biex jisfoka l-qalba vera tal-vertenza kostituzzjonali din il-Qorti dehrilha opportun illi taghmel is-segwenti osservazzjonijiet ta'

indoli generali li kellhom ighinu biex jigu sewwa definiti l-parametri tal-vertenza.

**1.** L-origini ta' din il-kawza illi timmira ghall-annullament tar-Regolament 13 tar-Regolamenti tal-1993 Dwar il-Haddiema tal-Port, li hu provvediment pjuttost recenti, jmur lura hafna fis-snin ghal zmien ta' protezzjoni trejdjunjonistika fil-qasam tax-xoghol partikolari tal-haddiema tal-Port li certament jipprezenta diffikultajiet organizzattivi kbar u interessi partikolari li l-partijiet socjali dehrilhom li kellu jigi regolat, forsi aktar qabel milli llum, b'sistema ta' ingagg ghal kollox insolitu. Sistema li effettivament johloq primogenitura fil-kamp tax-xoghol illi ilha ezistenti almenu sa mill-1966 meta allura l-primogenituri kienu diga' gew aboliti ghax meqjusa anakronistici. Din il-Qorti interessata biss mill-aspett legali u kostituzzjonali tal-vertenza. Dan ghax jekk verament tirrizulta diskriminazzjoni li tammonta ghal-vjolazzjoni ta' jedd fundamentali tar-rikorrenti appellata allura kull konsiderazzjoni ohra ta' kwalunkwe xorta u natura kellha tigi skartata.

**2.** Ir-Regolament 13 tal-1993 hu tista' tghid identiku ghar-Regolament anterjuri Numru 5 *in vigore* fil-1966 li fil-parti l-aktar rilevanti ghal din il-kawza jaqra hekk:

“5 (1) Eligibility to fill a vacancy shall be limited to the son or to the elder from among the Sons of a port worker who was a port Worker in the general cargo stevedores or in the port labourers Section and who retires or is medically boarded out under the provisions of these Regulations, or who dies:

Provided that said son satisfies the Board that

a) he is eligible to fill a vacancy as provided in paragraph (3) of Regulation 4 (dan jirrigwarda l-eta’, is-sahha u l-kondotta tal-persuna eligibbli Ii mhux kontestat illi l-attrici tippossjedi l-kwalifiki mehtiega);

b) if he is an adopted son was not over the age of 6 years when adopted;

c) has applied to the Director for port work prior to the date on which the vacancy occurs and has renewed in person such registration at the Department during the month of January of each successive year.

2. In the absence of such a son as aforesaid eligibility to fill a vacancy shall be limited to the brother or to the elder from among the brothers, of a retired or deceased port worker who was a port worker in the general cargo stevedores or port labourers section procided such brother satisfies the Board that he is a person eligible to fill a vacancy as provided in paragraph (3) of regulation 4 and in paragraph (c) of the proviso to paragraph (1) o f this regulation.

omissis

4. Saving the provisions of paragraph (3) of this regulation, the son of a port worker who retires or who is medically boarded out or who dies or the brother of a port worker who retires or who dies shall be registered in the Prospective Port Workers Register on the day of such retirement or medical boarding out or death, as the case may be.

omissis “

**3.** L-appellanti jissottomettu bhala premessa ghall-aggravju taghhom illi r-Regolament 13 taht ezami kien biss jillimita l-eligibilita' ta' min jista' jintghazel biex jimla vaganza li tinholoq meta haddiem tal-Port jirtira jew imut izda dak l-Artikolu "*bl-ebda mod ma jaghti l-jedd lil xi hadd illi jiret kariga*". Tant hu hekk illi min ikun eligibbli ma jiehux il-kariga jekk ma jkunx adattat *inter alia* fizikament jew mil-lat ta' kondotta ghaliha. Huma jsostnu illi li kull ma jaghmel l-imsemmi Regolament 13 huwa li jikkonferixxi ghazla fuq l-akbar tifel u dana ad eskluzzjoni ta' l-ewwel tifla, tat-tieni tifel u ta' kulhadd irrispettivament mis-sess. Din il-premessa hi kjarament sforz biex il-meritu jigi spustat mill-binarji gusti tieghu billi jizvija l-attenzjoni tal-Qorti mill-ezami ta' jekk kenitx jew le verament tezisti diskriminazzjoni a bazi ta' sess billi tafferma li f'kull kaz ir-regolament kien diskriminatorju ukoll fil-konfront ta' kull persuna ohra ta' kwalunkwe sess li ma tkunx l-akbar tifel. Meritu dan li kien ghal kollox lil hinn mill-parametri ta' l-azzjoni taht ezami u li din il-Qorti kellha tiskarta. Dan proprju ghaliex il-meritu preciz tal-kawza kien jirrigwarda l-eligibbilita' ta' min seta' jinghazel biex jimla vaganza li tinholoq meta haddiem tal-Port jirtira jew imut u l-pretensjoni tar-rikorrenti illi hu diskriminatorju u leziv tal-jeddijiet fundamentali taghha l-fatt illi tali vaganza setghet timtela' mill-

ewwel tifel imma ma setghetx timtela' mill-ewwel tifla. Jigifieri fil-waqt illi l-ewwel tifel kien eligibbli biex jintghazel halli jimla l-vaganza l-ewwel tifla ma kenitx hekk intitolata. Kull paragun allura sottomess mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell - u dan jifforma parti kbira mill-aggravju taghhom - hu ghal din il-Qorti u ghall-fini ta' din il-kawza ghal kollox irrilevanti u ghandu jigi skartat. Jekk xejn, il-hazin ma jitghattix u ma jigix gjustifikat b'hazin iehor anke jekk hu akbar.

Mill-banda l-ohra lanqas ma hu necessarjament korrett li jinghad illi ghax tkun tirrizulta, kif irrizultat fil-kaz taht ezami, diskriminazzjoni a bazi ta' sess necessarjament ma tkunx gustifikabbli fil-ligi ghazla xort'ohra imposta bil-ligi bi kriterji differenti. Mhux kull ghazla tissarraf f'diskriminazzjoni sanzjonabbli. Il-konsiderazzjoni ta' dan il-kwezit kostituzzjonali kellha allura necesarjament titlaq minn dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet "Victoria Cassar et vs Carmel Schembri noe" deciza fis-7 ta' Mejju 1999 u li pprovokat il-presenti istanza fir-rigward tal-portata tar-regolamenti taht ezami.

Jinghad f'dik is-sentenza: "*Hu car li l-fatt li l-legislatur ghazel li juza l-kelma "sons" jista' biss jigi interpretat li kien ghamel*

*dan intenzjonalment biex jassigura li r-regolament li kien japplika lil dawn bl-eskluzjoni ta' ulied ta' sess femminili. Eskluzzjoni li hija sottolineata bl-uzu tat-termini "l-eligibbilita' ghall-mili ta' vaganza ghandha tkun limitata ghal iben jew ghal hu dak il-haddiem tal-Port li jkun ikkreja l-vaganza....*" Ma jistax allura jigi kontestat illi bhala fatt l-element ta' sess kien determinanti fl-ghazla tal-persuna ghax-xoghol ta' Port Worker. Lanqas seta' jigi kontestat illi bhala konsegwenza ta' din id-diskriminazzjoni voluta mil-legislatur persuni ta' sess femminili kienu b'mod assolut eskluzi milli qatt jaccedu ghax-xoghol ta' haddiem tal-port u li dan il-fatt iwassal inevittabbilment ghal korollarju illi dak it-tip ta' xoghol kien esklussivament riservat ghall-persuni ta' sess maskili.

Din id-diskriminazzjoni bazata unikament fuq bazi ta' sess kienet allura certament limitattiva ta' l-opportunita' ta' persuni ta' sess femminili li jakkwistaw impieg f'dan ix-xoghol tant li kienet ghal din ir-raguni illi l-appellata kienet giet *a priori* eskluza <u>milli tkun eligibbli biex tapplika</u> ghax-xoghol li kien halla vaganti missierha. Din id-diskriminazzjoni espressament dikjarata fir-Regolament taht ezami tivvjola wkoll il-principju tad-dritt ta' kull individwu ghax-xoghol protett mhux biss bl-istrumenti kostituzzjonali u konvenzjonali imma

wkoll fil-European Social Charter li tieghu Malta hi firmatarja f'din il-parti importanti.  Is-sub-inciz (2) ta' l-Artikolu 1 ta' dak ic-Charter jimponi obbligazzjoni  fuq l-Istat li jelimina l-forom kollha ta' diskriminazzjoni fl-impieg.  "*This follows from the requirement that the right of the worker to earn his/her living be protected "effectively" and the wording in the Charter preamble indicating that "the enjoyment of social rights shall be secured without discrimination on grounds of race, colour, sex, religion eccetra."  "Employment in Article 1 (2) means public and private employment.  A State must ensure that the discrimination in respect of either kind of employement is not required by its law.  Thus Ireland was found to be in breach of Article 1 (2) when its law prohibited married women from an employment in the Civil Service....*" (Law and Practice - European Convention on Human Rights and The European Social Charter - Gomian, Harris and Zwaak pages 379 et seq.).

L-"Equal Rights Amendment" fil-Kostituzzjoni Amerikana tipprovdi elaborazzjoni ulterjuri ta' dawn il-principji li kellhom iwasslu ghall-eliminazzjoni tax-xorta ta' diskriminazzjoni taht ezami.  "*The basic principle of the Equal Rights Amendment is that sex is not a permissible factor in determining the legal*

*rights of women or of men. This means that the treatment of any person by the law may not be based upon the circumstance that such person is of one sex or of the other. The law does of course impose different benefits and different burdens upon different members of the society. That differentiation may rest upon particular characteristics or traits of the persons affected such as strength, intelligence and the like but under the Equal Rights Amendment the existence of such a characteristic or trait to a greater degree in one sex does not justify classification by sex rather than by the particular characteristic or trait. Likewise the law may make different rules for some people than for others on the basis of the activity they are engaged in or the function they perform. But the fact that in our present society members of one sex are more likely to be found in a particular activity or to perform a particular function does not allow the law to fix legal rights by virtue of membership of that sex. In short sex is a prohibited classification.*" ("Sex Discrimination and the Law - Causes and Remedies" - Babcock, Friedman, Norton and Ross, 1975 pages 144 et seq.)

Hi ghalhekk inikwa w inaccettabbli f'socjeta' demokratika klassifika fuq bazi ta' sess li fiha n-nisa kollha jew l-irgiel

kollha kienu nkluzi jew eskluzi rrispettivament mill-kapacita' li kellhom xi membri ta' dak is-sess biex jesegwixxu x-xoghol jew jaghqdu funzjonijiet riservati ghas-sess l-iehor. Kategorizzazzjoni ta' din ix-xorta tkun f'konflitt dirett ma' dik illi kellha tkun il-preokkupazzjoni bazika tas-socjeta' li thares, tipprotegi u tippromwovi l-interessi ta' kull individwu u tad-dritt ta' kull individwu illi jizviluppa l-personalita' tieghu jew taghha.

L-obbjettiv kostituzzjonali immirat ghall-protezzjoni tad-dritt fondamentali kontra d-diskriminazzjoni fir-rigward ta’ jeddijiet protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni kellu alllura jkun dak ta’ opportunitajiet indaqs ghal kulhadd irrispettivament mill-element tas-sess tal-persuna. Dan naturalment ma jfissirx necessarjament ugwaljanza shiha jew nuqqas ta’ differenza bejn persuni ta’ sess u iehor. Pero’ kif gie notat fil-Belgian Linguistic Case (1968): “*What is required is that the differences in treatment between the members of the groups ‘strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention’…. Assessing where the balance is properly struck or whether the difference in treatment is disproportionate to the objective of the State is subject to the State’s margin of appreciation”.*

Wiehed kellu pero' joqghod attent meta jikkonsidra dan il-"*margin of appreciation*" biex ma jikkonfondix dak li l-organi gudizzjarji Ewropej, bi prudenza gusta u appropriata in rispett tal-funzjoni taghhom bhala tribunali internazzjonali li kellhom jirrikonciljaw diversita' enormi ta' kulturi socjali, ekonomici u legali u ta' sistemi gudizzjarji u li allura kellhom necessarjament ihallu l-applikazzjoni tal-principji minnhom evoluti f'idejn l-Istati firmatarji tal-Konvenzjoni, mal-funzjoni illi kellha din il-Qorti li tissindika, tiddelibera u tiddeciedi fuq l-applikabbilita' ta' dawk l-istess principji mill-Istat Malti. Dan qed jinghad biex jigi enfasizzat illi l-Istat ma setax taht il-velu ta' "*margin of appreciation*" jarroga ghalih innifsu l-esklussivita' fl-applikazzjoni ta' dawn il-principji guridici bazilari ghall-jeddijiet fundamentali lil hinn mill-verifika u kontroll tal-Qorti Kostituzzjonali. Fil-waqt li indubbjament hu l-Istat illi kellu d-dritt u l-obbligu li jillegisla anke fir-rigward ta' differenzi legittimi bejn sess u iehor, il-principju kellu jibqa' dak sewwa enfasizzat fis-sentenza appellata illi "*the advancement of the equality of the sexes is today a major role of the member States of the Council of Europe. This means that very weighty reasons would have to be advanced before a difference of treatment on the ground of sex could be*

*regarded as compatible with the Convention.*" (Fil-kaz Abdulhaziz – 1983).

Principju dan illi jpoggi fuq l-Istat l-obbligu li jipprova illi kien hemm oggettivament il-htiega impellenti ghat-trattament differenzjali u li din ir-raguni ma kenitx wahda bazata fuq l-element ta' sess. Kellu allura jkun applikat il-kuncett ta' "*proportionality to assess the lawfulness of the differential treatment. The equation is between the means employed 'that is the different treatment and' the aims sought to be realised" that is the explanation the State gives for the different treatment of what (by now) has been established to be analogous cases.*"

Dan l-obbligu ta' prova ta' proporzjonalita' kien jinkombi fuq l-Istat. Fil-waqt li l-organi gudizzjarji Ewropej kienu jikkoncedu "*a wide margin of appreciation in making this assessment*" u dan ghal ragunijiet ovvji, din il-Qorti kellha tkun sodisfatta mill-provi quddiemha illi dan il-principju ta' proporzjonalita' kien gie osservat mill-Istat. Fil-meritu taht ezami ma jirrizulta xejn mill-atti illi posittivament jissodisfa din il-prova li kienet mehtiega biex tkun gjustifikata d-differenza bejn is-sessi u biex tkun

sanzjonata d-diskriminazzjoni li tirrizulta fl-opportunita' ta' l-impieg taht ezami.

L-accenn vag ghall-element ta' sahha mehtiega ghall-ezekuzzjoni ta' doveri fix-xoghol ta' Port Worker mhux biss ma hux sostanzjat mill-provi imma hu wkoll taht certi aspetti negat mill-izvilupp teknologiku fl-operazzjoni tal-Port. Anke hawn jekk verament din setghet kienet ir-raguni ma kien hemm xejn x'izomm illi r-regolamenti ta' l-ghazla jinkludu kriterji specifici u precizi f'dan ir-rigward li kellhom jigu sodisfatti minn kwalunkwe impjegat prospettiv ikun x'ikun is-sess tieghu. Hi ghalhekk f'postha w opportuna l-osservazzjoni ta' l-Ewwel Qorti illi l-*punto di partenza* tal-kwistjoni kostituzzjonali hi d-dikjarazzjoni tal-Prim'Awla fil-kawza fl-ismijiet "Cassar vs Schembri" (Citaz. Nru 1560/93) illi mix-xhieda u mill-provi ohra li jirrizultaw mill-atti "h*u abbondantement stabbilit illi l-Awtoritajiet kompetenti ma kienux jikkonsidraw lill-attrici, ghax mara, eligibbli biex timla' l-vaganza fix-xoghol krejat meta rtira missierha…. Fi ftit kliem l-Awtoritajiet kienu jqisu li r-Regolament Numru 5 (illum 13) ma setax jigi estiz biex jinkludi lill-attrici billi din kienet ta' sess femminili.*

"Hu biss dan l-aspett tar-Regolament li kien qieghed jigi dikjarat in vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti ma kenitx qieghdha tigi mitluba tiddeciedi u ma kenitx qieghdha tiggudika jekk ir-rikorrenti appellata kenitx jew le tikkwalifika biex tigi effettivament maghzula ghax-xoghol ta' Port Worker in kwantu kienet tissodisfa l-kondizzjonijiet l-ohra li l-istess Regolamenti kienu jimponu fuq kull min kien eligibbli biex japplika ghall-post. Jigi ghalhekk ribadit li kien qed jigi biss deciz il-punt ta' l-eligibbilita' tar-rikorrenti biex tapplika ghall-post u l-eskluzzjoni taghha li hekk tikkwalifika a bazi tas-sess taghha. Kuntrarjament ghal dak illi qed jigi sottomess fir-rikors appell allura hu car li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ddikjarat li r-Regolamenti in kwistjoni kienu nulli "biss in kwantu li jaghmel diskriminazzjoni fuq bazi ta' sess." Ma kienet bl-ebda mod qed tissindika, ticcensura jew tiddeciedi fuq ir-Regolamenti fit-totalita' taghhom u wisq anqas fuq il-process ta' l-ghazla. Lanqas fil-verita' ma kienet qed tigi kontestata quddiem din il-Qorti l-procedura li bih l-eligibbilita' tigi limitata ghall-forma ta' trasmissjoni bil-wirt. Anke dan l-aspett, interessanti kemm hu interessanti, mhux qieghed quddiem il-Qorti in kwantu l-lanjanza ta' l-appellata kienet ristretta biss ghad-diskriminazzjoni fuq bazi ta' sess u kien dan biss li l-Qorti kellha tiddeciedi.

Din il-Qorti allura mhiex sodisfatta illi l-prova mehtiega biex tiggustifika d-diskriminazzjoni ovvja taht ezami ingiebet mill-intimati appellanti. Kif inghad ghalkemm huma jaghmlu acccenn vag illi x-xoghol tal-Port hu iebes minn natura tieghu u donnhom allura jitilqu mill-premessa illi mara ma kenitx kapaci taghmlu jirrizulta mill-provi li:

(a) ghalkemm isir ezami mediku qabel persuna tigi ingaggjata, mill-atti processwali jirrizulta illi "*l-Medical Test ma jimportax ezami fuq il-kapacita' fizika tal-persuna in relazzjoni max-xoghol*". Jigi accertat biss illi l-persuna tkun b'sahhitha u ma jkollhiex mard li jittiehed;

(b) ix-xoghol kien fil-parti l-kbira llum mekkanizzat. Indubbjament hafna huma l-operazzjonijiet fil-Port illi ma kienu jirrikjedu l-ebda sahha partikolari u li, taht certu aspett, mara setghet tkun anke aktar idoneja biex tesegwih;

(c) kien hemm nies li kellhom aktar minn sittin sena u baqghu jaghmlu dan ix-xoghol. L-eta' ta' l-irtirar kienet l-istess bhal dak ta' impiegi ohra u dan kien indikattiv illi

s-sahha fizika ma kenitx element vitali ghall-impieg. Fl-ebda stadju tul il-kors ta' l-impieg ma kien isir xi evalwazzjoni jew ezami mediku biex jigi stabbilit jekk il-haddiem kienx ghadu f'qaghda illi jaghmel dak it-tip ta' xoghol; u

(d) mill-1992 sallum kien hemm biss ftit kazijiet, wahdiet, fejn l-impjegati rgiel gew *boarded out* minhabba ragunijiet ta' sahha.

Kontra dawn il-fatti l-appellanti gabu biss argumenti bazati fuq asserzjonijiet gratuwiti u bl-ebda mod pruvati: "*It is for the Government to show that there is an objective and reasonable justification for making the differentiation. In this connection the Court has often used the term "legittimate use of the regulation" but this is only another form of words for objective justification. If the Government does not plead any justification the applicant's claim of a violation will be made out. If it does suggest an explanation the justification which the Government gives must have a rational basis and an evidential foundation.*" (Law of the European Convention of Human Rights – D.J. Harris, Butterworths, Pg 478).

Fin-nuqqas ta' tali gustifikazzjoni kien jehtieg illi d-diskriminazzjoni pruvata kellha tigi eliminata. Hu allura f'postu r-rikjam maghmul mill-appellata fir-risposta taghha ghal-Konvenzjoni fuq l-Eliminazzjoni ta' kull forom ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa li giet iffirmata mill-Gvern Malti f'Marzu tal-1991. L-Artikolu 11 ta' din il-Konvenzjoni jipprovdi:

> "*State parties shall take all appropriate measures to eliminate discrimination against women in the field of employment in order to ensure on a basis of equality of men and women the same rights in particular…. b) the right to same employment opportunities including the application of the same criteria for selection in matter of employment; c) the right to free choice of profession and employment, the right to promotion, job security and all benefits and conditions of service and the right to receive vocational training and re-training including apprenticeship, advanced vocational training and recurrent training".*

Din il-Qorti tifhem illi f'sitwazzjoni daqstant evidenti u wara li l-processi gudizzjarji, bl-attenzjoni anke pubblicitarja li dawn involvew, u wara l-gudikati tal-meritu anke jekk fi

prima'istanza, l-Istat kellu indikazzjoni cara illi din kienet diskriminazzjoni li kellha tigi rikonsidrata u rimedjata. Ma kienx allura l-kaz illi ssir difiza ta' sistemi ta' xoghol kjarament diskriminatorji fuq bazi ta' sess. Kien ghall-kuntrarju l-kaz illi tali diskriminazzjoni tigi rikonoxxuta minghajr il-htiega ta' certifikat ta' din il-Qorti u l-attenzjoni kollha fokata biex tinstab soluzzjoni gusta ghall-partijiet socjali kollha li pero' telimina kull xorta ta' diskriminazzjoni bazata fuq is-sess. Din il-Qorti jidhrilha illi jkun hela ta' zmien biex tipprova tirribatti s-sottomissjoni ta' l-appellanti illi l-limitazzjoni ta' <u>l-eligibbilita'</u> ghas-sess maskili f'dan il-kaz kienet b'xi mod "gustifikabbli f'socjeta' demokratika" fit-termini ta' l-Artikolu 45 (4) (d) tal-Kostituzzjoni. Din id-difiza ma tistax ma titqiesx fic-cirkostanzi anakronistika u maqtugha mir-rejalta' ta' zminijietna. Din il-Qorti jidhrilha illi ghandha tieqaf hawn u tichad l-appell principali ghal dawn ir-ragunijiet imma wkoll ghar-ragunijiet validi konsidrati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza elaborata taghha.

## <u>L-APPELL INCIDENTALI</u>

L-appellata interponiet appell incidentali mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti in kwantu din ma rravizzatx ksur ta' l-Artikolu 14

tal-Konvenzjoni kif abbinat ma' l-Artikolu 8 li jipprovdi li "*everyone has the right to respect for his private and family life, his home and his correspondence*". Hi tissottometti illi wahda mill-karatteristici tal-hajja privata ta' persuna kienet l-identita' personali li individwu kellu jkollu l-kapacita' li jiddetermina l-identita' tieghu li jiddeciedi w imbaghad li jkun dak li jixtieq li jkun. Fost l-elementi ta' dan il-jedd l-appellata tirravisa d-dritt tal-ghazla tal-professjoni jew sengha bazata fuq l-iskop principali li persuna tirrejalizza ruhha fil-qasam li tkun trid hi. Hi allura titlob ir-riforma tas-sentenza appellata in kwantu ddikjarat li ma kienx hemm ksur ta' l-Artikolu 14 kif marbut ma' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Dan l-aggravju wkoll kien ta' interess notevoli pero' fic-cirkostanzi *una volta* din il-Qorti qed tikkonferma li tirrizulta lezjoni ta' jedd fundamentali iehor tar-rikorrenti li jintitolaha ghal rimedju xieraq mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha f'dibattitu fuq dan l-aggravju ta' l-appellata f'appell incidentali illi din il-Qorti tifhem li sar b'mod sussidjarju f'kaz illi l-appell principali jigi milqugh.

Il-Qorti allura ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-appell incidentali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appelli kif gej:

a) tastieni milli tiehu konjizzjoni ta' l-appell incidentali billi kien qed jigi rigettat l-appell principali w is-sentenza appellata konfermata. L-ispejjes ta' l-appell incidentali jibqghu a karigu ta' l-appellata;

b) tirrigetta l-appell principali bl-ispejjes kontra l-appellanti;

c) tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi ghall-fini ta' kjarezza t-tielet paragrafu tad-decide ghandu jinftiehem fis-sens illi l-ordni moghti lill-intimat Carmelo Schembri nomine kien illi jhalli lir-rikorrenti appellata tirregistra bhala persuna eligibbli biex tigi konsidrat bhala Haddiem tal-Port wara li rtira missierha Carmelo Abela mix-xoghol;

d) bl-ispejjez tal-Prim'Istanza jibqghu kif gia' minn dik il-Qorti decizi, cioe' kontra l-intimati.

Kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata lill-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati ai termini ta' l-Artikolu 242 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Deputat Registratur

rf.